

Brussell, 13 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9217/19

PUBLIC 58
INF 129

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - JANNAR 2019

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill f' Jannar²³.

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara bil-*korsiv*).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

³ Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att in kwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux legiſlattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill - Kunsill](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument hu esklużivament għall-finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'JANNAR 2019

It-3667 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fit-8 ta' Jannar 2019

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Żvizzera, Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Iżvizzera dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	15202/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Finlandja, Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Finlandja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	15565/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Belġju, politika dwar il-viżi</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni li tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Belġju dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	15563/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - In-Netherlands, politika dwar il-viżi</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tan-Netherlands dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	15571/18

<i>Miżuri restrittivi bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/25 tat-8 ta' Jannar 2019 li temenda u taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal- Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t- terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1084 ĠU L 6, 9.1.2019, p. 6–9	15413/18
<i>Miżuri restrittivi bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/24 tat-8 ta' Jannar 2019 li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1071 ĠU L 6, 9.1.2019, p. 2–5	15415/18
<i>Konklużjonijiet dwar it-tieni rapport ta' progress dwar il-ġestjoni tar-riskju</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tieni Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġestjoni tar-Riskju Doganali	15497/18
Proċedura bil-miktub li tlestiet fid-9 ta' Jannar 2019	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/29 tad-9 ta' Jannar 2019 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali ĠU L 8, 10.1.2019, p. 30-33	15863/18
It-3668 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fil-21 ta' Jannar 2019	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nikaragwa	5110/19

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE (Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titolu)</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/134 tal-21 ta' Jannar 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)</p> <p>ĠU L 25, 29.1.2019, p. 19-22</p>	15338/18
<p><i>Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi dwar l-Armi Kimiċi - listi</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/86 tal-21 ta' Jannar 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 dwar miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu tal-armi kimiċi</p> <p>ĠU L 18I, 21.1.2019, p. 10–12</p>	15749/18
<p><i>Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi dwar l-Armi Kimiċi - listi</i></p> <p>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/84 tal-21 ta' Jannar 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/1542 dwar il-proliferazzjoni u l-armi kimiċi</p> <p>ĠU L 18I, 21.1.2019, p. 1-3</p>	15750/18
<p><i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja - listi ġodda</i></p> <p>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/87 tal-21 ta' Jannar 2019 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja</p> <p>ĠU L 18I, 21.1.2019, p. 13-18</p>	5171/19
<p><i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja - listi ġodda</i></p> <p>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/85 tal-21 ta' Jannar 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja</p> <p>ĠU L 18I, 21.1.2019, p. 4-9</p>	5173/19
<p><i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - tneħħija mil-listi ta' deżinjazzjonijiet tal-UE - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/96 tal-21 ta' Jannar 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2010/849/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea</p> <p>ĠU L 19, 22.1.2019, p. 9-10</p>	15439/18

<p><i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - tneħħija mil-listi ta' deżinjazzjonijiet tal-UE - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/93 tal-21 ta' Jannar 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 19, 22.1.2019, p. 3-4</p>	15441/18
<p><i>Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna - tneħħija mil-listi - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/95 tal-21 ta' Jannar 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 19, 22.1.2019, p. 7-8</p>	15422/18
<p><i>Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna - tneħħija mil-listi - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/92 tal-21 ta' Jannar 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 19, 22.1.2019, p. 1-2</p>	15425/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kunsill bejn l-UE u l-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Evitar u r-Riżoluzzjoni ta' Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/117 tal-21 ta' Jannar 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura għal evitar u soluzzjoni tat-tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-arbitri u l-medjaturi ĠU L 24, 28.1.2019, p. 12-22</p>	15617/18
<p><i>UE-ASEAN</i> <i>Skambju ta' fehmiet</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet UE-ASEAN</p>	5729/19

It-3669 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fit-22 ta' Jannar 2019

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Ftehim dwar l-Istatus mas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fis-Serbja</i> <i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/400 tat-22 ta' Jannar 2019 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim tal-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja ĠU L 72, 14.3.2019, p. 1-3	15576/18
<i>Konklużjonijiet dwar l-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir</i> Konklużjoni tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2019 - Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: Gwida Makroekonomika u Fiskali għall-Istati Membri	5601/19
<i>Konklużjonijiet dwar ir-rapport dwar il-mekkaniżmu ta' twissija</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2019	5603/19

It-3670 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd), li saret Brussell fit-28 ta' Jannar 2019

ATTI LEGĠSLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Regolament dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE</i> Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1-25	71/1/18 REV 1	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni tal-kummissjoni Il-Kummissjoni taderixxi b'mod sħiħ mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar u mal-impenji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Għalhekk ser tagħmel hilita biex mal-ewwel opportunità tressaq proposta leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, bil-ħsieb li tallinja r-Regolament (KE) Nru 32/2000 mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona.			
<i>Regolament ta' Salvagwardja Orizzontali Bilaterali</i> Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 li jimplimenta l-klawżoli ta' salvagwardja u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi ĠU L 53, 22.2.2019, p. 1-13	68/1/18 REV 1	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jaqblu dwar l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib dwar l-implementazzjoni tal-Ftehimiet elenkati fl-Anness għar-Regolament (UE) 2019/ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' salvagwardja u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi terzi. Għal dak il-għan, huma jaqblu li meta l-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni biex jibda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni ser teżamina bir-reqqa jekk ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet skont ir-Regolament għal inizjazzjoni *ex officio*. F'każ li l-Kummissjoni tqis li daww il-kondizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, hi ser tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jkun jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-inizjazzjoni ta' tali investigazzjoni.

ATTI MHUX LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Konklużjonijiet dwar il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) u l-enerġija rinnovabbli (RS Nru 24/2018 tal-QEA)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Dimostrar tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju u tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala kummerċjali għewwa l-UE: il-progress previst ma nkisibx matul dawn l-aħħar għaxar snin"	5367/19
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-ewalwazzjoni ta' Schengen - Latvja, SIS</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-ewalwazzjoni tal-2018 tal-Latvja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	5289/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill u Regolament ta' Implimentazzjoni Tuneżija</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/135 tat-28 ta' Jannar 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ĠU L 25, 29.1.2019, p. 23-24	15573/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill u Regolament ta' Implimentazzjoni Tuneżija</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2019/132 tat-29 ta' Jannar 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ĠU L 25, 29.1.2019, p. 12-13	15575/18

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-emenda tal-Protokoll 1 u 4 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju mal-Marokk</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra</p>	<p>10593/18</p>
<p>Dikjarazzjoni mid-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda</p> <p>Id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda jenfasizzaw l-importanza ta' sħubija ekonomika u politika b'saħħitha bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk.</p> <p>Id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda jissottolinjaw l-importanza tal-konformità mad-dritt tal-UE, li minnhom id-dritt internazzjonali jista' jiġi kkunsidrat bħala parti integrali meta jidħol fi ftehimiet bilaterali. Ħadna nota bir-reqqa tal-"Kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra - konsistenza mal-Qorti".</p> <p>Id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda konsistentement enfasizzaw li ftehim għandu jkun konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-21 ta' Diċembru 2016 fil-kawża C-104/16 P.</p> <p>Aħna nieħdu l-kontenut u l-forma tal-Kontribut bħala evidenza li s-Servizz Legali tal-Kunsill iqis li d-dħul fil-ftehim ippreżentat huwa kompletament konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-21 ta' Diċembru 2016 fil-kawża C-104/16 P u ma jippreġudikax l-istatus tas-Sahara tal-Punent. Id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda jkomplu jappoġġaw il-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti biex tinstab soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli għas-Sahara tal-Punent.</p> <p>Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda jappoġġaw l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju.</p>	

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċina b'rabta mal-każ 492 ta' Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam</p>	10882/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-inbid tal-FSE bejn l-UE u l-Ġappun</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Inbid stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-formoli li jridu jintużaw bħala ċertifikati għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti tal-inbid li joriġinaw mill-Ġappun u l-modalitajiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-awtoċertifikazzjoni</p>	15724/18
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-30 ta' Jannar 2019	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<p>Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni</p> <p>ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1-166</p>	15733/18
<p>Dikjarazzjoni rigward l-iskambji ta' kwoti għall-merluzz tan-nofsinhar, il-petriċa u l-megrims fit-taqsima 8c (Spanja u l-Portugall)</p> <p>Spanja u l-Portugall ser jaqblu dwar skambji ta' kwota għall-merluzz tan-nofsinhar, il-petriċa u l-megrims fl-ibħra Iberiċi biex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kwoti limitati.</p>	

Dikjarazzjoni rigward il-pjanijiet ta' tnaqqis ta' qabdiet inċidentali u miżuri ta' kontroll (II-Grupp tal-Ibħra tal-Majjistral jiġifieri l-Belġju, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja u r-Renju Unit, u l-Kummissjoni)

L-Istati Membri li jikkooperaw fl-Ibħra tal-Majjistral, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Majjistral, ser iħejju pjan ta' tnaqqis ta' qabdiet inċidentali sabiex jiġi żgurat li l-qabdiet inċidentali tal-istokkijiet li għalihom l-ICES ħareġ parir għal ebda qbid għall-2019 jitnaqqsu permezz ta' miżuri ta' selettività jew ta' evitar. Għal dan il-għan l-Istati Membri kkonċernati ser jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan ta' tnaqqis ta' qabdiet inċidentali mhux aktar tard mit-30 ta' April 2019. Il-pjanijiet ta' tnaqqis ta' qabdiet inċidentali ser ikun fihom miżuri bħal aktar rkapti selettivi, għeluq ta' żoni, għeluq f'ħin reali, miżuri ta' evitar u regoli ta' tbeġhid. Huma jistgħu jibnu fuq il-pjanijiet għall-iskartar rilevanti l-aktar reċenti. Il-pjanijiet ta' tnaqqis ta' qabdiet inċidentali għandhom jiġu adattati għall-ispeċijiet inkwistjoni u jintgħażlu mill-katalogu ta' hawn fuq ta' miżuri skont l-ispeċifitajiet ta' kull attività tas-sajd. Il-pjanijiet ser jiġu vvalutati mill-STEFCF rigward l-effettività tagħhom. Il-President tal-Grupp tal-Ibħra tal-Majjistral ser jirrapporta lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ottubru kull sena dwar il-progress miksub permezz tal-pjan ta' tnaqqis ta' qabdiet inċidentali.

F'konformità mar-Regolament dwar il-Kontroll, l-Istati Membri ser iwettqu l-miżuri ta' kontroll adegwati kollha sabiex jiżguraw li l-qabdiet inċidentali tal-istokkijiet li għalihom l-ICES ħareġ parir għal ebda qbid għall-2019 jkunu strettament inevitabbli u li l-ebda skartar ma jsir lil hinn mil-livelli permessi mill-pjan għall-iskartar. Sal-1 ta' Lulju 2019, l-Istati Membri kkonċernati ser jinfirmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri ta' kontroll li jkunu ttieħdu.

Dikjarazzjoni rigward l-impenn biex jissolvew speċijiet bi kwoti limitati tal-Istati Membri b'allokazzjoni ta' kwoti għal ebda qbid permezz ta' skambji (Il-Grupp ta' Ibħra tal-Majjistral, jiġifieri l-Belġju, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja u r-Renju Unit)

L-Istati Membri kkonċernati ser jaħdmu biex iwettqu l-iskambji neċessarji biex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kwoti limitati għall-istokkijiet li ġejjin, filwaqt li jiġu koperti l-ħtiġijiet mill-Istati Membri mingħajr allokazzjoni ta' kwoti f'dawk l-istokkijiet:

- Pollakkju iswed, POK 7/3411
- Lingwata, SOL/7BC.
- Lingwata, SOL/5614
- Lingwata, SOL/7FG
- Bakkaljaw, COD/5W6-14
- Barbun tat-tbajja', PLE/56-14
- Barbun tat-tbajja', PLE/7BC

L-ammont ta' skambji ta' kwoti minn din il-lista għandu jkollu l-għan li jippermetti lill-Istati Membri mingħajr allokazzjoni biex joperaw b'mod effettiv mill-1 ta' Jannar 2019 billi jkopri l-qabdiet inċidentali inevitabbli stmati minn kull Stat Membru.

L-Istati Membri li jirċievu l-iskambji ser jipprovdu min-naħa l-oħra kwoti mill-Anness IA tar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd.

L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jagħmlu sforzi sabiex jinstab kompromess u sabiex jiġu organizzati skambji ġusti tal-kwoti billi tintuża rata ta' skambju tas-suq jew rati ta' skambji oħra aċċettati reċiprokament. Fin-nuqqas ta' alternattivi, ser jintuża l-valur ekonomiku ekwivalenti f'konformità mal-prezzijiet medji tal-UE tas-sena preċedenti, kif previst mill-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u l-Akkwakultura (EUMOFA).

Dikjarazzjoni rigward is-sajd sentinella għall-iskampu fl-unità funzjonali 31 (il-Kummissjoni)

Spanja ppreżentat talba għal sajd sentinella għall-iskampu fl-unità funzjonali 31, li jista' jippermetti l-ġbir ta' data meħtieġa dwar il-qbid/il-ħatt l-art għal dik l-unità funzjonali. Abbażi ta' din it-talba, il-Kummissjoni ser tistaqsi lill-ICES sabiex:

- Jivvaluta livell ta' qabdiet li jimminimizza l-impatt fuq l-istokk iżda li jkun suffiċjenti biex jippermetti ġbir ta' data LPUE għall-użu potenzjali bħala indiċi ta' abbondanza;
- Jissuġġerixxi kwalunkwe kundizzjoni speċifika li għandha tapplika għas-sajd u d-data miġbura, sabiex din tkun utli f'kuntest ta' indiċi ta' abbondanza, jiġifieri vjaġġi, perijodu ta' żmien, żoni ġeografiċi, eċċ.

B'segwitu għall-parir xjentifiku, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tippreżenta proposta adegwata biex jiġu emendati l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019.

Dikjarazzjoni rigward il-merlangu fis-subtaqsima 8 (il-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni ser titlob parir xjentifiku aġġornat mill-ICES għall-merlangu fis-subtaqsima 8 b'kont meħud tal-informazzjoni l-aktar reċenti dwar il-livelli ta' skartar. Abbażi tal-parir xjentifiku, jekk adegwat, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tippromponi emenda għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2019.

Dikjarazzjoni rigward il-qabdiet inċidentali tal-Arġentina silus u l-minfaħ (il-Kummissjoni)

Rigward l-Arġentina silus, Spanja ppreżentat talba biex titneħħa s-subtaqsima 7 mit-TAC, li attwalment tkopri s-subtaqsimiet 5, 6 u 7 (ARU/567).

Rigward il-minfaħ, Spanja ppreżentat talba biex jitneħħew s-subtaqsimiet 8b u 8c mit-TAC, li attwalment jkopru s-subtaqsimiet 6, 7 u 8 (BOR/678).

Abbażi ta' dawn it-talbiet, il-Kummissjoni ser tistaqsi lill-ICES kmieni fl-2019 sabiex jivvaluta x'konsegwenzi jkollhom tneħħijiet bħal dawn fuq dawn l-istokkijiet, b'mod partikolari jekk it-tneħħijiet ikollhomx kwalunkwe impatt fuq ir-rekwiżit sabiex jiġi żgurat li l-istokkijiet ikkonċernati jiġu sfruttati b'mod sostenibbli fit-terminu qasir u medju. ICES ser jintalab ukoll jivvaluta jekk l-applikazzjoni ta' għodod oħra ta' konservazzjoni fin-nuqqas ta' qabdiet totali permissibbli għall-Arġentina silus fis-subtaqsima 7 u għall-minfaħ fis-subtaqsima 8 tistax tikkontribwixxi għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet ikkonċernati.

B'segwitu għall-parir xjentifiku, jekk adegwat, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tippreżenta proposta biex jiġu emendati l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019.

Dikjarazzjoni dwar il-flessibilità intrażona għall-istokkijiet bijoloġiċi differenti (Kummissjoni)

Il-Kummissjoni ser tippreżenta talba lill-ICES biex jipprovi parir xjentifiku dwar jekk il-flessibilità bejn iż-żoni tkunx sostenibbli, anke fit-tul, filwaqt li tinnota li l-parir xjentifiku attwali jindika li din il-flessibilità tapplika għal żewġ stokkijiet differenti. It-talbiet li ġejjin ser jiġu ppreżentati:

Stati Membri	Speċijiet	Minn	Għal	% ta' flessibilità mitluba	Kundizzjonijiet
Il-Belġju	Merluzz tal-linja sewda	2a, 4	7b-k	10%	5% (FR) 7d biss (IE)
Il-Belġju	Barbun tat-tbajja'	7d	7fg	5%	Sajd inċidentali tal-lingwata
Il-Belġju	Merlangu	7b-k	8	5%	Sajd inċidentali tal-lingwata
Franza/Spanja	Pollakkju	7	8abde	5%	teżisti 2% ta' flessibilità
Franza	Merlangu	2a, 4	7b-k	5%	7d biss (IE)
Franza/Spanja	Rebakkini & raj	6, 7	8, 9	10%	
Franza	Barbun tat-tbajja'	7fg	7hjk	5%	

Dikjarazzjoni dwar tnaqqi de minimis għall-merlangu u l-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana (COM u l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana)

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-intenzjoni tal-Istati Membri tal-Grupp Reġjonali tal-Baħar tat-Tramuntana li jippreżenta rakkomandazzjoni konġunta riveduta li temenda l-eżenzjoni de minimis għall-merlangu u l-bakkaljaw għal bastimenti li jużaw tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, SDN, SSC) bid-daqs tal-malja ta' 70-99mm (TR2) fin-naħa tan-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana (subtaqsima tal-ICES 4c), u l-eżenzjoni de minimis għall-merlangu u l-bakkaljaw għall-bastimenti li jużaw tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, SDN, SSC) bid-daqs tal-malja ta' 70-99mm (TR2) fin-naħa Ċentrali u tat-Tramuntana tal-Baħar tat-Tramuntana (subtaqsimiet tal-ICES 4a u 4b).

Dment li jiġi adottat il-pjan għall-iskartar rivedut, wara l-valutazzjoni mill-STEFCF, il-Kummissjoni ser tikkunsidra, jekk adegwat, li tippreżenta proposta għal emenda matul is-sena għar-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 biex jiġi aġġustat il-livell tal-qabdiet totali permissibbli għall-merlangu u l-bakkaljaw sabiex jittieħed kont tar-rata riveduta ta' skartar permissibbli.

Dikjarazzjoni rigward il-livell ta' qabdiet inċidentali inevitabli ta' merlangu fil-Baħar Irlandiż (il-Kummissjoni)

Il-Kummissjoni ser tippreżenta talba urġenti lill-ICES biex jipprova parir xjentifiku aġġornat dwar livelli ta' qabdiet inċidentali inevitabli ta' merlangu fis-sajd imħallat fil-Baħar Irlandiż fl-2019. B'segwitu għal dan il-parir, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tippreżenta malajr kemm jista' jkun proposta biex jiġi emendat il-livell ta' TAC fl-opportunitajiet tas-sajd għall-2019.

Dikjarazzjoni dwar il-Preferenzi tal-Aja (il-Belġju, id-Danimarka, Franza u l-Ġermanja)

Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u Franza huma tal-fehma li fl-1983 intlaħaq qbil dwar l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi tal-Aja jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

Dikjarazzjoni rigward il-Bakkaljaw fil-Baħar Ċeltiku (ir-Renju Unit)

Ir-Renju Unit jappella għal rieżami tat-TAC għall-2019 għall-Bakkaljaw fi 7bc,e-k, u li t-TAC għandu jirrifletti l-istatistika tal-ħatt l-art fl-2018, applikat skont il-mudell tal-ICES tas-sajd imħallat fil-Baħar Ċeltiku.

Dikjarazzjoni rigward il-Gruppi Reġjonali (ir-Renju Unit)

Meta r-Regolament dwar it-TAC u l-Kwoti tal-2019 jew dokumenti assoċjati oħra jagħmlu referenza għall-Gruppi Reġjonali jew Gruppi ta' Livell Għoli, ir-Renju Unit jixtieq ifakkar lil partijiet interessati li wara d-29 ta' Marzu 2019, ir-Renju Unit mhux ser ikun għadu Stat Membru u possibbilment mhuwiex ser ikun jista' jattendi aktar għal dawn il-laqgħat jew ikun direttament involut fid-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

Ir-Renju Unit jinkoraġġixxi lill-partijiet rilevanti kollha sabiex jaqblu, fi żmien debitu, dwar mekkaniżmu biex jittieħed kont tal-fehmiet tar-Renju Unit waqt kull laqgħa rilevanti għar-Renju Unit matul il-perijodu transizzjonali.

Dikjarazzjoni rigward l-Obbligu tal-Ħatt l-Art (ir-Renju Unit)

Ir-Renju Unit jikkunsidra li fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu tal-ħatt l-art, huwa adegwat li l-Kummissjoni, fi sħubija mal-partijiet rilevanti, twettaq rieżami tal-operazzjoni tal-Obbligu tal-Ħatt l-Art fl-ibħra u l-istokkijiet kollha.

Dan ir-rieżami għandu jitlesta fil-ħin sabiex kwalunkwe miżura tkun tista' tiġi kkunsidrata u applikata fil-ħin biex titjeb l-operabbiltà tiegħu fit-tieni nofs tal-2019 kif meħtieġ.

Ir-rieżami għandu jikkunsidra l-aspetti kollha rilevanti għall-implimentazzjoni effettiva tal-obbligu tal-ħatt l-art, inkluż:

- il-livelli tat-TACs;
- l-operazzjoni tal-iskambji tal-kwoti, speċjalment b'rabta mal-istokkijiet soġġetti għal parir ta' ebda TAC;
- l-implimentazzjoni tal-projbizzjoni jew tat-tneħħija tat-TAC għal stokkijiet rilevanti.

Dikjarazzjoni rigward il-preferenzi tal-Aja (l-Irlanda)

L-Irlanda tikkunsidra li l-Preferenza tal-Aja tikkostitwixxi parti integrali mill-istabbiltà relattiva, li tirrifletti l-ħtieġa għas-salvagwardja tal-ħtiġijiet speċjali ta' reġjuni fejn il-popolazzjonijiet lokali huma dipendenti b'mod speċjali mis-sajd u l-industriji relatati. Dan huwa speċifikament rikonoxxut fil-politika Komunitarja tas-sajd u kien stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 170/83, ir-Regolament tal-Kunsill Nru 3760/92 u r-Regolament tal-Kunsill Nru 2371/2002. Dan ġie dikjarat għal darba oħra fir-Regolament tal-Kunsill Nru 1380/2013.

Dikjarazzjoni rigward il-mekkaniżmu tal-iskambju ta' kwoti (il-Latvja)

Il-Latvja tikkunsidra li l-approċċ li nbeda mill-membri tal-Grupp tal-Ibħra tal-Majjistral biex tissolva l-problema ta' speċijiet ta' kwoti limitati permezz ta' mekkaniżmu ta' skambju ta' kwoti, għandu jitqies bħala soluzzjoni ad hoc, applikabbli u limitata għall-ibħra u l-ispeċijiet speċifikati permezz ta' dan ir-Regolament. Din il-proposta ma għandhiex tippreġudika kwalunkwe approċċ sabiex tiġi kkunsidrata bħala l-aktar soluzzjoni adegwata għall-problema ta' speċijiet ta' kwoti limitati f'reġjuni oħra, inkluż fil-Baħar Baltiku minħabba li l-Latvja għadha temmen li l-aktar soluzzjoni adegwata hija l-applikazzjoni tal-flessibbiltà bejn l-ispeċijiet li intużat biex tissolva l-problema fil-Baltiku sa issa.